MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-7 ta' Frar, 2013

Appell Kriminali Numru. 498/2010

**Appell Numru: 498/2010**

**Il-Pulizija**
**Vs**
**James Grech**

Illum 7 ta' Frar, 2013
Il-Qorti,
Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant James Grech [detentur tal-karta tal-identita` numru 579480(M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fit-22 ta' Marzu, 2010 ghall-habta tal-22:30hrs fi Mdina Road, Haz Zebbug:

1. Saq il-vettura KAL573 minghajr ma kienet licenzjata mill-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta biex tintuza fit-triq. (licenzja mhux rinnovata)

2. Ghamel uzu mill-imsemmija vettura minghajr ma kienet koperta b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskju tat-terzi persuni.

Il-Prosekuzjoni talbet li jigi skwalifikat mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali moghtija nhar il-11 ta' Novembru, 2010 fejn l-ewwel Qorti wara li rat l-artikoli 15(1)(a)(3) tal-Kap 65, ir-regolament 13(1) tal-Avviz Legali 198/2009 u l-artikolu 3(1) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

(1) Tirrizulta u ikkundannat lill-imputat James Grech ghall-piena ta' mija u tletin Euro (€130) Multa.
(2) Tirrizulta u ikkundannat lill-imputat James Grech ghall-piena ta' elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u seba` u tletin centezmu ta' Euro (€2329.37) multa.

Il-Qorti bl-applikazzjoni tal-artikolu 3(2A) tal-Kap 104, skwalifikat lill-imputat James Grech milli jkollu jew milli jikseb xi licenzja tas-sewqan ghal zmien erbatax (14) il-xahar minn dakinhar.

Rat ir-rikors tal-appellant James Grech minnu pprezentat fit-23 ta'Novembru, 2010 fejn talab lil din il-Qorti tirrevoka is-sentenza appellata u minflok tilliberah minn kull akkuza u piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant James Grech, jikkonsisti filli l-Ewwel Onorabbli Qorti ma messha qatt sabet lir-rikorrenti hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontrih fuq il-provi prodotti.

Illi l-Kap 104 isib ir-raison d'etre taggha fil-kopertura li hija estiza sabiex it-terz jigi protetta dejjem. Kif inhi l-ligi is-sewwieq ossia l-appelant jinsab kopert! Ezami ulterjuri tal-

artikolu 12 ta’ l-istess ligi taghti aktar forza lil dan l-argument stante li din il-klawsola taghmilha cara daqs kristall li tezisti kopertura dejjem.

Ghalhekk sabiex tissussisti l-akkuza riedet issir il-prova li l-appellant ma kienx awtorizzat isuq il-vettura. Dak li huwa rikjest bil-ligi taht l-artikolu 3 1A ma tapplikax ghall-akkuza in kwistjoni billi hemm kontro-sens fil-ligi stess – vettura li tkun fit-triq u li dwarha tkun inharget polza ta’ assikurazzjoni tibqa` dejjem koperta. Infatti l-artikolu 10(1) izda jghid li l-Assiguratur irid ihallas kull meta tkun inharget polza ta’ Assigurazzjoni.

*għad illi l-assiguratur awtorizzat ikun jista’ jannulla jew iħassar, jew ikun annulla jew ħassar il-polza, huwa għandu, bla ħsara tad-disposizzjonijiet ta’ dan l-artikolu iħallas lillpersuni li favur tagħhom tkun ingħatat is-sentenza, kull somma ta’ flus li għandha titħallas bis-saħħa ta’ dik is-sentenza dwar irresponsabbiltà fuq imsemmija,*

Hija ghalhekk l-umli fehma tal-esponenti li nonostante d-dispost tal-artikolu 11A, il-prosekuzzjoni trid tibda billi ggib il-provi a sodisfazzjoni tal-Qrati li l-appellant ma kienx kopert skond l-operat tal-Kap 104. Jigifieri riedet tingieb il-prova negattiva li ma kienx hemmx kopertura that dan il-Kap fil-kaz ta’ claim minn terzi – u wara l-appellant igib il-prova li huwa kien effettivament kpert. Il-ligi hija hekk maghmula – ossia li t-terz jigi kopert dejje. Dan ifisser illi gialadarba it-terz huwa dejjem kopert allura l-artikolu n kwistjoni li fuq hija mibnija l-akkuzz ossia artikolu 3(1) hija inapplikabbli.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi fit-tnejn u ghoxrin (22) ta’ Marzu tal-elfejn u ghaxra (2010) l-appellant James Grech ghal habta ta’ 23:30 hours kien qed isuq vettura bin-numru KAL 573 minghjar ma kienet illicenzjata mill-Awtorità ta’ Trasport biex tintuza fit-triq u wkoll minghajr ma kienet koperta b’polza tal-assikurazzjoni. L-appellant mhuwiex qieghed jikkontesta dawn il-fatti però qieghed jilmenta illi fi

kwalunkwe kaz it-terz kellu jkun protett u kellu japplikaw "special circumstances" peress illi dak il-hin illi kien sejjer jara lil bintu l-isptar.

Fil-kors tat-trattazzjoni l-avukat difensur qajjem eccezzjoni dwar in-nullità tal-komparixxi peress illi n-numru tal-ID huwa zbaljat. Irrizulta fil-fatt illi l-appellant ghandu n-numru hamsa sebgha disgha erbgha tmienja tnejn (579482) mentri fil-komparixxi jidher in-numru hamsa sebgha disgha erbgha tmienja zero (579480). Qabel ma l-Qorti tghaddi biex tiddisponi l-aggravju principali, ikun opportun illi tiddispondi minn din l-eccezzjoni mqajma mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Irrizulta illi veru hemm zball fin-numru tal-ID tal-appellant. Però dan kien jaf sew ghal xhiex kellu jwiegeb quddiem din il-Qorti u dan l-izball ma affettwax xi dritt tieghu illi jkun mgharraf ċar bl-akkuza u ta' xhiex qed jigi akkuzat. Tant hu hekk illi pprepara d-difiza tieghu, issottometta appell u anki saret it-trattazzoni dwar l-aggravju principali tal-appellant. Fil-kawza fl-ismijiet *Il-Pulizija versus Benny Zaffarese et* tat-13 ta' Jannar 1995 il-Qorti qalet, "L-artikolu 360(2) tal-Kodici Kriminali jirrikjedi li c-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, izda ma jispecifikax x'dettalji ghandhom jinghataw. Jekk xi dettalji jithallew barra dan b'ebda mod ma jgib in-nullità tac-citazzjoni. Anki jekk xi dettalji jkunu zbaljati, jekk il-persuna indikata effettivament tidher quddiem il-Qorti, wahda mill-funzjonijiet primari tac-citazzjoni, u cioé li sservi ta' "*avviso a comparire*" tkun giet ezawrita."

Meta l-appellant deher quddiem l-ewwel Qorti wiegeb ghas-sejha ta' dik ic-citazzjoni u mid-dehra tieghu kkonferma li c-citazzjoni ssejjah lilu. Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi respint.

Ikkunsidrat:

Ghal dak li jirrigwarda l-aggravju principali din il-Qorti ma tara l-ebda cirkostanzi specjali ghal dak illi ghamel l-appellant – kien qed isuq vettura bil-mutur minghajr

licenzja u minghajr polza tal-assikurazzjoni. Ma taghmilx differenza ghall-fini tar-responsabiltà billi f'kaz ta' incident u jigu kawzati danni lil terzi l-kumpanija assikuratrici xorta tkun tenuta illi taghmel tajjeb. Dana ma jnehhi xejn mir-responsabiltà tal-appellant illi jara illi l-karozza li jkunu qed isuq tkun debitament licenzjata u assikurata. Ma jistax ikun illi jkollna sitwazzjoni illi persuna tkun fit-triq qed tikser il-ligi u minn fuq tigi ppremjata minhabba, skont hu, cirkostanzi specjali, li din il-Qorti ma tara xejn specjali billi l-appellant kien sejjer l-isptar jara lil bintu. Hija kwistjoni ta' ordni pubbliku illi min jikser il-ligi ma jistax jiehu beneficcju minnha, haga illi tirrezali mid-Dritt Ruman meta tghallem illi *"Nullus commodum capere potest de injuria sua propria."*

Rigward l-argument illi l-appellant ghandu hobzu fis-sewqan u ghalhekk ma kellux ibaghti s-sospensjoni tal-licenzja, hawn ukoll il-Qorti ssib illi l-appellant m'ghandux ragun. Fil-kawza *Il-Pulizija versus Paul Azzopardi*, 4 ta' Awwissu 2006, il-Qorti qalet il-fatt li driver ikun jiddependi mis-sewqan ghall-ghejxien tieghu, "ma jintitolax lil din il-Qorti li tmur kontra l-ligi espressa billi ma tapplikax l-iskwalifika mandatorja, ghax kieku kellu jsir hekk, dan ikun ifisser li min l-iktar irid joqghod attent fis-sewqan tieghu, ghax ikun isuq il-hin kollu, ghandu xi immunità mill-kastig meta jinqabad isuq hazin."

Din il-Qorti taqbel ma' dan l-insenjament. Jekk verament hobz l-appellant hu fis-sewqan, dan kellu jaccerta ruhu aktar minn haddiehor illi jkun jista' jaghmel hekk b'osservazzjoni tal-ligi fl-anqas dettal. Il-fatt illi huwa ttraskura u ma rrinovax il-licenzja tfisser traskuragni kbira min-naha tieghu illi zgur m'ghandhiex tigi ppremjata minn din il-Qorti.

Ghalhekk din il-Qorti ssib illi l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha setghet legalment u ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha u ghalhekk mhux il-kaz illi din il-konkluzjoni tigi disturbata.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------